MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2011

Citazzjoni Numru. 637/2011

Banif Bank (Malta) plc (C41030)
vs
Jason u Sue Ann konjugi Vella

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors tal-kumpannija Banif Bank (Malta) plc li gie konfermat minn Kurt Polidano u Anthony Farrugia ghan-nom u in rapprezentanza ta’ Banif Bank (Malta) plc li bih esponew:

1. Illi l-kumpannija attrici hi bank kummercjali licenzjat taht il-Ligijiet ta’ Malta biex fost l-ohrajn issellef flus lill-klijenti taghha;

2. Illi l-konvenuti huma klijenti tal-kumpannija attrici;

3. Illi l-konvenuti avvicinaw lill-kumpannija attrici biex jisselfu flus minghanda biex jisvolgu n-negozju taghhom;

4. Illi *ai termini* tal-Artikolu 3 tas-*Sanction Letter* datata 31 ta' Lulju 2008 (ara Dok. 'A'), il-kumpannija attrici ikkoncediet self lill-konvenuti li kien jikkonsisti *f'Business Overdraft* ta' hamsa u tletin elf Euro (€35,000);

5. Illi l-konvenuti naqsu milli jhallsu lura l-ammont misluf mill-kumpannija attrici skond kif kien miftiehem fl-imsemmija *Sanction Letter*;

*6.* Illi ghalhekk sehhew wahda jew aktar mill-*events of default* imsemmija fl-iskeda annessa ma' l-imsemmija *Sanction Letter*, partikolarment, izda mhux esklussivament:

*a) "Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility,*

*b) The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility,*

*k) In the opinion of the Bank, a material adverse change in the financial condition of the Borrower/s occurs,*

*n) Any other event which in the Bank's reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation/s under or otherwise comply with the terms of the agreement regulating the Facility;"*

7. Illi konsegwentement *ai termini* tal-Artikolu 11(j) ta' l-imsemmija *Sanction Letter*, id-dejn tal-konvenuti mal-kumpannija attrici sar pagabli lura b'mod immedjat;

8. Illi skond kif jidher fl-*istatement* tal-bank (ara Dok. 'B'), l-ammont komplessiv dovut mill-konvenuti hu ta' tmienja u ghoxrin elf, mija, tlieta u tletin euro u erba' centezmi (€28,133.04), liema ammont jikkoncerna l-kont bankarju ta' l-istess konvenuti Nru. 9296 10 001 u jinkludi imghaxijiet ta' mija, tlieta u sittin euro u sittax-il centezmu (€163.16), kalkolati sal-21 ta' Gunju 2011;

9. Illi in oltre, il-konvenuti ghandhom ihallsu lill-kumpannija attrici l-imghaxijiet mill-21 ta' Gunju 2011 sad-data tal-hlas effettiv bir-rati miftehma f'Artikoli 7 u 11(m) tas-*Sanction Letter* imsemmija aktar 'il fuq;

10. Illi permezz ta' ittra legali datata 27 ta' Lulju, 2009 u ittra ufficjali datata 4 ta' Mejju, 2010 (ara Dok. 'C' u Dok. 'D'), il-konvenuti gew interpellati sabiex jersqu ghall-hlas tal-ammont hawn fuq imsemmi, izda l-konvenuti baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza;

11. Illi d-debitu huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tal-kumpannija attrici, il-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet validi x'jopponu kontra t-talbiet tal-kumpannija attrici;

12. Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi a tenur ta' l-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant, il-kumpannija rikorrenti talbet lill-Qorti sabiex:

1. Taqta' u tiddeciedi l-kawza a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, bid-dispensa mis-smiegh;

2. Tiddikjara li l-konvenuti huma debituri tal-kumpannija attrici fis-somma ta' tmienja u ghoxrin elf, mija, tlieta u tletin euro u erba' centezmi (€28,133.04); u

3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-kumpannija attrici s-somma komplessiva ta’ tmienja u ghoxrin elf, mija, tlieta u tletin euro u erba’ centezmi (€28,133.04).

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra legali datata 27 ta’ Lulju 2009, l-ittra ufficjali datata 4 ta’ Mejju, 2010 u l-mandati ta’ inibizzjoni u sekwestru li gew prezentati kontestwalment ma’ din il-kawza u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti mill-21 ta’ Gunju 2011 sad-data tal-hlas effettiv bir-rati miftehma f’Artikoli 7 u 11(m) tas-*Sanction Letter* imsemmija aktar ’il fuq.

Il-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni u dan b’riserva ghal kull dritt iehor spettanti lill-kumpannija attrici fil-konfront tal-istess konvenuti.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet l-abili difensuri;

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat il-verbal tal-lum li minnu jirrizulta li:
“…f'dan l-istadju sar qbil bejn il-partijiet li l-konvenuti jammettu t-talba purche` s-sentenza ma tigix ezegwita qabel ma jiddekorru sitt xhur mil-lum, ma' liema ftehim Dr. Testa ghall-bank rikorrenti jiddikjara li jaqbel u l-partijiet jitolbu li tinghata sentenza f'dan is-sens.”

Rat illi sussegwentement giet prezentata nota ta’ ammissjoni mill-intimati.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk il-Qorti, filwaqt li qed ticcediedi din il-kawza a tenur ta’ l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed tiddikjara li l-intimati huma debituri tal-kumpannija rikorrenti fis-somma ta’ €28,133.04.

Fuq ammissjoni, tikkundanna lill-intimati jhallsu lill-kumpannija rikorrenti s-somma komplessiva ta' €28,133.04, b'dan li a tenur tal-verbal tal-lum, is-sentenza ma tigix ezegwita qabel ma jiddekorru sitt xhur mil-lum.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 27 ta' Lulju 2009, l-ittra ufficjali datata 4 ta' Mejju, 2010 u l-mandati ta' inibizzjoni u sekwestru li gew prezentati kontestwalment ma' din il-kawza u bl-imghaxijiet kontra l-intimati mill-21 ta' Gunju 2011 sad-data tal-hlas effettiv bir-rati miftehma f'Artikoli 7 u 11(m) tas-*Sanction Letter*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------